MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2003

Numru 283/2002

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Anthony Magro, iben Fidiel,
imwieled Birkirkara fil-15 ta'
novembru, 1953

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-14 ta' jannar, 1999 bejn is-7.30 p.m. u l-10.15 p.m. f'Horns Ditch, Valletta, Malta kkometta serq ta' vettura tal-għamla Land Rover, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAA 562, għad-dannu ta' Kevin Muscat, liema serq hu kkwalifikat, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fit-23 ta' jannar, 1999 u fil-ġimgħat ta' qabel, xjentement f'Malta laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew,

xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe' ta' vettura tal-għamla Land Rover, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAA 562, tal-valur li teċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), għad-dannu ta' Kevin Muscat.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat biex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-9 ta' ottubru, 2002 li ddikjara li wara li ra l-atti
tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
(a) fl-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279 u 280 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ammetta t-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152
tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn
mil-lum.

---------------------------------TMIEM---------------------------------